# IL-PULIZIJA



Vol. 8 Nru. 6
Harġa Settembru/Ottubru

# IL-PULIZIJA

IL-MAGAZINE TIEGHEK

F'DIN IL-ĦARĠA SETTEMBRU/OTTUBRU 1993





**8** Ġimgħa tal-Pulizija





**24** Society for the reform of Criminal Law





**41** Trasferimenti ta' Vetturi

**3** Editorjal: Supt. A. Farrugia

**5** M.P.A: Ps 59 D. Saliba

**6** Għotja lill-Eden Foundation

**13** Il-kont tat-telefon fil-ġejjieni

**15** L-abbuż tad-droga, l-infurzar tal-liġi u r-reabilitazzjoni

**17** Paġna Nisa

**21** Pulizija Pensjonanti

**33** Police on the Beat - Part 2

**35** Entertainment Comm. & Sports

**36** Presentations

**37** Automated Teller Machines






**Cover:** Il-Kavallerija

**Disinn:** Emmanuel Farrugia

**Volume 8 Numru 6**

You are happy to have your son on your back. When he's older, you won't be.



Help him prepare for financial independence.
Open a Bank of Valletta Deposit Account in his name.

Bank of Valletta
*Malta's Leading Bank*



# QUALITY FURNITURE

The Fino name has been connected to
quality furniture-making for the past four generations.
Today, not only does Fino produce
the finest of furniture for the home or office
but is also involved in complete turnkey projects.

*Living with our Experience*



**fino**®

C. FINO + SONS LTD.

Mriehel

Tel: 440735, 488469, 442951 Telex: 1637 FINMOB MW Fax: 447360
115, The Strand, Sliema GZR 03 - Malta. Telephone 316514
Republic Street, Victoria VCT 103 - Gozo. Telephone 551500

# IL-PULIZIJA
IL-MAGAZINE TIEGĦEK

**President:** Ps 59 D. Saliba
**Editur:** Supt. A. Farrugia
**Membri Bord Editorjali:**
WPS 21 J. Scerri
PS 1229 J. Petroni
PS 1030 I. Portelli
PC 512 M. Ellul

**Volume 8 no. 6**
**Maħruġ mill-Pulizija**
**Stampat: VOGUE Offset Printers**

Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat lill-Editur:
**Il-Pulizija**
**Police Library, Police Headquarters,**
**Floriana CMR 01.**

Abbonamenti għall-Pulizija għandhom isiru fl-Indirizz imsemmi għall-prezz ta' żewġ liri Maltin fis-sena, u tirċievi il-magazine id-dar bil-posta.

Il-materjal li jiġi ppublikat f'dan il-magazine mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni tal-Bord Editorjali

**IL-PULIZIJA**
tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklami li għoġobhom jagħtuna u nħeġġu lil qarrejja biex jagħmlu użu minnhom.


# EDITORJAL

## *Mill-linji tal-liġi...*

Qabel xejn, għalkemm fl-aħħar ħarġa forsi ukoll nuqqas t' attenzjoni min-naħa tiegħi, nixtieq insellem u nirringrazzja lill-ex Kummissarju tal-Pulizija Alfred Calleja għax-xogħol siewi li ta kemm bħala uffiċjal matul il-karriera tiegħu u wkoll bħala Kummissarju tal-Pulizija liema kariga huwa dam f'dan l-uffiċju għall-iżjed minn erba snin u li huwa ttermina f'Novembru li għadda. Sintendi l-uffiċjali u Kummissarji jispiċċaw u jinbidlu, imma l-Korp irid jibqa miexi.

L-importanti hu li nimxi mal-linji tal-liġi. Il-filosofija tal-Korp tal-Pulizija tibqa dejjem l-istess u hija l-istess kullimkien. Din hi fl-enforzar sħiħ tal-liġi miktuba. Aħna nisimgħu biss minn dak li hu miktub skond il-liġi. Il-pubbliku bi dritt jistenna li l-Pulizija tinforza l-liġi l-ħin kollu u kullimkien.

Jekk pulizija, surġent, hu min hu l-membru tal-korp, ma jkunx jaf eżatt f'xi okkażjoni, xi tkun id-direzzjoni partikolari tad-direzzjoni li għandu jieħu, għandu dejjem jikkonsulta ruħu biex dak li għandu jsir, jsir. Mhux imma jiżloq jew jinsa jew iħalliha għal xi ħadd.

L-appell hawn f'moħħi għandi li l-Pulizija l-ġodda u dawk li għadhom kif ġew promossi surġenti, tridu tkunu l-mudell tal-Korp. Imxu dritt mal-linji tal-liġi u l-limitu tagħkom għandu jkun biss l-istess limitu u kunsiderazzjoni li ttik il-liġi. Meta timxu mal-liġi, tiġbdu r-rispett. Ħadd hu min hu, anke jekk jidher 'Kbir' ma jista jżommkhom milli tapplikaw il-liġi tal-pajjiż. Din hi fuq kulħadd għaliex hija frott ta' l-istess soċjeta anke jekk forsi ma togħġobx lil xi ftit. Meta jsir dan minn kulħadd, speċjalment minnkom, intom il-pulizija u s-surġenti ġodda u friski, sħabkom li forsi naqsu xi ritmu, jridu jirrimedjaw għaliex ma jibqalhomx għażla. Jidhru koroh. Barra minn hekk, ħafna affarijiet oħra li forsi ma jsirux dejjem skond il-liġi, jsibu ruħhom f'posthom waħidhom sewwa fis-soċjeta. Dan hu l-fenomenu ta' l-ordni u l-infurzar tal-liġi fil-pajjiż. Għalhekk lkoll u mhux uħud minnha għadna nimxu mal-linji tal-Liġi.

**Angelo Farrugia**
*Editur*

# TRAINING

## THE KEY TO YOUR FUTURE

### We offer training courses in:

• ACCOUNTING
• AIR CONDITIONING AND REFRIGERATION
• AUTO ELECTRICAL AND MECHANICAL SKILLS
• CLERICAL SKILLS FOR TRAVEL AGENCY OPERATIONS
• ELECTRICAL INSTALLATION
• FOOD AND BEVERAGE SERVICING
• FOOD PREPARATION AND PRODUCTION
• LIFE SKILLS
• MEDICAL CLERICAL WORK
• METAL MACHINING
• OFFICE SKILLS
• PLASTERING
• PLUMBING
• RECEPTIONIST SKILLS
• RETAILING
• CLERICAL SKILLS FOR SHIPPING
• SMALL BUSINESS MANAGEMENT
• SPRAY PAINTING
• STOREKEEPING
• TILE LAYING
• TRAINING FOR TRAINERS
• TYPING AND BASIC COMPUTER SKILLS
• UPHOLSTERY
• WELDING
• WOODWORK

*CONTACT US FOR FURTHER DETAILS:*

ETC

**EMPLOYMENT & TRAINING CORPORATION**

ĦAL FAR ZRQ 06. Tel: 681448 Fax: 684936

# IR-RIFORMA

## Mhux titjib fi flus biss titlob - Iżda sehem akbar b'aktar lejalta.

Veru li kellhom jgħaddu ftit aktar minn xagħrejn biex tinħareġ ċirkolari uffiċjali sabiex jiġu spjegati sew il-benefiċċji w ir-riperkussjonijiet tar-riforma li tħabbret f'Ġunju.
Taħdidiet li damu għal snin twal jiġu diskussi, kellhom iżommu l-membri tal-korp ftit ieħor bil-kurżita biex jiġi spjegat mill-A sa Z kif ir-riforma laqtet lilhom.
Kien dewmien meħtieġ u mhux b'xi kapriċċ ta' xi ħadd partikulari, li fih kellhom jiġu ċċarati diversi punti. Kull wieħed u waħda minnha għandna nifmhu li riforma bħal din ma sseħħx mil-lum għal-għada. Huwa żball min jgħid li dan hu żmien moħli, anzi bil-kontra kien żmien meħtieġ sakemm isiru l-bidliet meħtieġa, u l-preparamenti għal pagamenti fl-iqsar żmien possibli.
Huwa mistenni li f'Ottubru jkollna riżultat aktar konkret u nkunu f'qagħda li nistgħu nikkomparaw ma dak li kien hemm qabel, u b'hekk nistgħu verament nagħtu ġudizzju ġenerali.
Fiċ-ċirkulari Nru. 63/93 maħruġa fl-1 ta' Settembru, 1993, hemm stipulat id-diversi artiklu tal-ftehim milħuq u xi nterpretazzjonijiet ta' xi punti. Tidher ukoll it-tabella tal-iskali tas-salarju u l-gradi rispettivi.

| | | Min | Max |
|---|---|---|---|
| Kummissarju Skala | 2 | | 8, 323 |
| Deputat Kummissarju | 3 | | 7, 623 |
| Assistent Kummissarju | 4 | | 6, 923 |
| Supretendent | 5 | 5, 330 | 6, 126 |
| Spettur (il-fuq minn 7 snin spettur) | 7 | 4, 674 | 5, 330 |
| Spettur | 8 | 4, 383 | 4, 987 |
| Surġent Maġġur | 9 | 4, 118 | 4, 674 |
| Maġġur | 10 | 3, 879 | 4, 383 |
| Surġent | 11 | 3, 654 | 4, 118 |
| Kuntistabbli (b'għaxar snin servizz jew aktar) | 12 | 3, 439 | 3, 879 |
| Kuntistabbli (b'aktar minn sentejn servizz iżda taħt l-għaxar snin) | 13 | 3, 238 | 3, 654 |
| Kuntistabbli (Trainee) | 14 | 3, 047 | 3, 439 |

### L-Extra Duty

Dan il-ftehim tejjeb ferm ir-rata ta' ħlas għall-'Extra Duties' permezz taċ-ċirkulari Nru. 44/93 maħruġa fit-12 ta' Lulju, 1993. Qed nippubblika tabella oħra bl-iskali relattivi għad-diversi gradi. Dan juri żieda ta' bejn wieħed u ieħor ta' ħamsin fil-mija.
Altru li din hija xi ħaġa!

### Tabella ta' ħlas ta' Extra Duty fis-siegħa

| | | 1991 | 1993 |
|---|---|---|---|
| Kuntistabbli | Lm | 1.08,0 | 2.17,0 |
| Surġent | | 1,18,0 | 2,43,5 |
| Maġġur | | 1, 24,0 | 2,59,0 |
| Spettur | | 1, 49,5 | 3,04,5 |
| Supretendent | | 1,74,5 | 3,59,0 |
| Ass. Kummissarju | | 2,00,0 | 4,34,0 |

### Ħdud u Festi

Ħaġa oħra li sa ftit taż-żmien ilu lanqas biss kollna noħolmu dwaru, illum il-ftehim jipprovdi wkoll għall-ħlas għall-Ħdud doppji u l-festi pubbliċi bir-rata ta' ħlas ta' siegħa, siegħa w nofs, barra ż-żieda fir-rata ta' ħlas għall-overtime.
Dan il-ftehim juri li l-gvern jirrikonnoxxi r-rol speċjali tal-pulizija u dan ġie rifless f'dan il-pakkett b'inċentivi ġodda. Jidhru wkoll żidied oħra fl-allowances u ħolqien ta' oħrajn.

### L-Assoċjazzjoni mhux Trade Union

Kummenti xejn favorevoli, bħal dejjem, għadhom jiġu minn membri tal-korp li ma tantx jagħmlulna kuraġġ, bħal kummenti negattivi fil-konfront tal-assoċċjazzjoni li din ma tagħmel xejn għax bla saħħa. L-għan tal-assoċċjazzjoni hu differenti minn dik ta' xi 'Trade Union' u kontinwament irregolata mil-liġi u bl-ordinanza tal-pulizija. Iżda bħal kull istituzzjoni, kellna wkoll titjib li mhux ta' min jsemmiehx.

### Penzjoni wara 25 sena servizz

Kienet fuq insistenza u ħidma tal-membri tal-assoċċjazzjoni li fil-passat, tejbu xi affarijiet żgħar, iżda mportanti ferm. Ir-riforma mħabbra kienet waħda biss minn dawn is-suċċessi. Ma ninsewx, u din tgħodd għalina l-membri ta' eta żgħira u li ngaġġaw fil-korp wara s-sena 1979 li sa ftit ilu aħna kollna nistgħu nirtiraw bil-penzjoni wara li nagħlqu s-sittin sena. Għal dawk il-membri li għandhom aktar servizz infakkarhom li qabel meta kont tirtira anke għax kont bil-25 sena jew 30 sena servizz ma kontx tista taħdem u tieħu l-penzjoni bla tnaqqis ta' xejn.
Madankollu għad hemm ħafna x'wieħed x'jista jirranġa sabiex ikollna dawk il-kundizzjonijiet aktar xierqa, per eżempju, personalment jien ma naqbel xejn mal-fatt li l-paga ta' surġent tal-pulizija hija biss ftit aktar minn dik ta' kuntistabbli. In-natura tax-xogħol ta' surġent u responsabbilita kif ukoll id-dmirijiet huma ferm ċifferenti minn wieħed għall-ieħor, filwaqt li d-differenza fil-paga mbagħad hija ta' Lm20.00 fix-xahar fil-massimu. Dan żgur li jirriflettiex tajjeb ir-responsabilitajiet tas-surġent.
Nifhem madanakollu li jekk wieħed jara f'liema skala qiegħed surġent ma hemmx fejn jogħla aktar, iżda b'daqshekk ma jfissirx li surġent m'għandux ikollu aktar allowance.
Jien infurmat ukoll, li l-maguri ukoll mhux qegħdin daqs tant kuntenti fl-iskala li qegħdin, filwaqt li xi wħud ħassewhom li ġew promossi, oħrajn ħassewhom li ġew 'demoted'. Dwar dan il-'branch board' tal-maguri ltaqa w kellu jgħaddi rapport lill-awtoritajiet.

### X'hemm fil-ġejjieni?

Barra din ir-riforma li taffetwa sew is-salarji tal-membri tal-korp l-assoċjazzjoni bil-permess u l-intervent tal-Kummissarju qed tistudja l-possibilita li tinħolcq skema ta' Insurance (Personal Accident) għall-membri tal-Korp kif ukoll skema ta' Health Insurance.
Dan l-istudju għandu jiġi żviluppat aktar il-quddiem, u dwar dan għandhom isiru laqgħat apposta u l-membri jiġu nfurmati bid-dettalji kollha kif ukoll sabiex l-assoċjazzjoni tkun f'pożizzjoni biex tara x'rispons jkun hemm mill-membri. Naturalment, aktar ma jkun kbir in-numru tal-membri fl-iskema il-ħlas ta' sħubija jkun jista jinżamm baxx kemm jista jkun.
Ħsibijiet posittivi hemm, jonqos issa qabża fil-mentalita tagħna. Huwa ħażin jekk hawn xi ħadd li jgħid li naħdmu iżjed issa għax ħadna ż-żieda. Naħseb li jkun ta' kuraġġ għal kulħadd jekk nagħmlu sforz akbar fix-xogħol tagħna, fil-glieda kontra l-kriminalita.
Il-pulizija kollha għandhom l-istess ġurament ta' lealta' lejn ir-Repubblika ta' Malta u l-kostituzzjoni, u dan huwa mistenni f'kull żmien tajjeb jew ħażin.

**PS 59 David Saliba**
*Segretarju M.P.A.*

# GĦOTJA LILL-EDEN FOUNDATION

Waqt ċerimonja qasira li saret dan l-aħħar, it-"Trainee Recruits" u l-Apprendisti li bħalissa qed jagħmlu kors ta' taħriġ fil-Korp tal-Pulizija, ippreżentaw għotja ta' Lm64 lill-Eden Foundation.

L-għotja saret lit-Tabib Josie Muscat, President tal-Fondazzjoni, mit-Trainee Raymond Debono u l-Apprendista Marika Bugeja f'isem sħabhom tal-kors.

F'kelmtejn li għamel wara l-preżentazzjoni, it-Tabib Muscat faħħar il-ġest tar-rekluti u l-apprendisti fil-Korp tal-Pulizija u wera ix-xewqa tiegħu li inizjattiva ta' dik ix-xorta tkun limitata minn gruppi u individwi oħra li għandhom għal qalbhom il-ħidma volontarja b'risq persuni bi ħtiġijiet speċjali.

It-Tabib Muscat semma l-ħidma li wettqet s'issa l-Eden Foundation fil-ftit xhur li ilha mwaqqfa u stqarr li s-servizzi u l-faċilitajiet li toffri l-Fundazzjoni tiegħu jirrikjiedu somom kbar ta' flus biex jingħataw. Għalhekk kull donazzjoni, kbira jew żgħira, tkun apprezzata bil-bosta għax hi sinjal tal-ġenerożita u l-qalb kbira ta' min jagħmilha. Id-donazzjoni li għamlu t-Trainees u l-Apprendisti fil-Korp tal-Pulizija hija eżempju ċar ta' din il-ġenerożita'.

Preżenti għaċ-ċerimonja kien hemm l-ispettur H.W. Harrison, membru ta' lis-Staff ta' l-Akkademja tal-Pulizija.



*It-Tabib Josie Muscat, President ta' l-Eden Foundation, jidher jirċievi d-donazzjoni li Raymond Debono għamel f'isem it-Trainees u l-Apprendisti tal-Korp tal-Pulizija. Jidhru wkoll l-Ispettur H.W. Harrison u l-Apprendista Marika Bugeja.*

# You may be the Lucky Winner!

# Lm100,000

in the Malta National Lottery.

**FIRST PRIZE:**
Lm100,000 to the winning ticket having the letter and all five (5) digits corresponding to and in the same order of the letter and the five (5) digits forming the winning number.

**SECOND PRIZE:**
Lm20,000 to the ticket having all five (5) digits corresponding to and in the same order of the five (5) digits forming the winning number.

**THIRD PRIZE:**
Lm1,000 to each ticket having the second, third, fourth and fifth digit corresponding to and in the same order of the last four digits of the winning number.

**FOURTH PRIZE:**
Lm100 to each ticket having the third, fourth and fifth digit corresponding to and in the same order of the last three digits of the winning number.

Tickets only Lm2

- **Draws are held in public in February, April, June, August, October and December.**
- **Tickets are limited to 200,000.**

***Buy your tickets NOW from National Lottery dealers all over Malta & Gozo.***

TELESYSTEMS

## ADVANCED TELECOMMUNICATIONS SYSTEMS CO. LTD.

"TELESYSTEMS", Mannarino Road, B'Kara
Telephone: 484445/6 Fax: 484440

***A Visionary Company with a Tradition of Excellence***

CUSTOMER VISION

**SUPPLIERS & SOLE DISTRIBUTORS OF:**

LANIER
**FAXES AND COPIERS**

KYOCERA
**LASER PRINTERS**

Southwestern Bell Freedom Phone
SST HOTEL TELEPHONE SYSTEMS
**TELEPHONE SYSTEMS**

WYSE
**COMPUTERS**

**PLUS OTHER OFFICE EQUIPMENT**

**Our job is to make our Customers' problems and concerns our own, to satisfy their needs at a level above their expectations.**

# IL-ĠIMGĦA TAL-PULIZIJA

**L-179 sena mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta.**



*Il-Ministru u s-Sinjura waqt il-Quddiesa. Jidru wkoll il-Kummissarju u s-sinjura tiegħu, xi uffiċjali u membri tal-korp.*

Biex jitfakkar jum il-Pulizija ta' Malta u l-179 sena mit-twaqqif tal-Korp, ġid mfassal programm ta' attivitajiet mifruxin fuq ġimgħa b'konnessjoni max-xogħol tal-Pulizija, liema attivitajiet kellhom il-bidu tagħhom fl-4 ta' Lulju sa 12 ta' Lulju 1993.

Kif inhu xieraq, l-ewwel attivita imħejjija kienet Quddiesa fid-9.00 a.m. fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata, ċ-ċelebrata minn Rev. Raniero Zammit O.F.M. Kap. tal-Pulizija mgħejun minn Patri Raymond Bonnici O.F.M. Kap tal-Pulizija ta' S.A.G. Għal din il-quddiesa kien hemm preżenti, il-Ministru ta' l-Intern u Żvilupp Soċjali l-Ministru L. Galea u s-sinjura tiegħu, il-Kummissarju tal-Pulizija s-sur George Grech u s-sinjura, bosta uffiċjali tal-Korp u membri.

Wara l-quddiesa, sar servizz reliġjuż fuq l-oqbra tal-Pulizija mejtin u ġew impoġġija għadd ta' kuruni tal-fjuri fosthom mill-Ministru, l-Kummissarju, R.S.M., Malta Police Association, Sezz. I.P.A. u mill-Għaqda Pulizija Pensjonanti.



*Rev. R. Zammit ibierek l-oqbra tal-Pulizija waqt is-servizz reliġjuż.*

It-tieni attivita tal-ġurnata kienet l-inawgurazzjoni tal-wirja ta' hobbies imtella mill-membri tal-Korp, fis-sala tal-Mużew fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-Floriana.

Din il-wirja ġiet uffiċjalment miftuħa mill-Ministru u l-Kummissarju. Presenti għall-ftuħ kien hemm għadd kbir ta' uffiċjali tal-Korp, membri kif ukoll it-22 esebitur li qed jieħdu sehem din is-sena. Fost l-esebituri hemm għall-ewwel darba sezzjoni bl-isem 'Police Computer Club' li għan tiegħu huwa li jħajjar aktar membri tal-Korp jagħmlu użu mill-Komputer.

Saru diskorsi kemm mill-Ministru kif ukoll mill-Kummissarju tal-Pulizija fejn fost affarijiet oħra ferħu lill-membri parteċipanti għax-xogħol li ġabu magħhom sabiex itellgħu din il-wirja li issa



*Dehra ġenerali tas-sala Mużew li ntużat għall-wirja tal-hobbies.*

daħlet fil-kalendarju tal-Korp tal-Korp tal-Pulizija.

### It-Tnejn 5 ta' Lulju 1993

It-tieni Jum li fih tiġi ċċelebrata l-Ġimgħa tal-Pulizija kienet ikkarratterizżata bil-ftuħ ta' l-għasses tal-Pulizija għall-pubbliku ta' Ħal-Qormi, Raħal Ġdid, Bormla u ż-Żejtun. Hawnhekk il-Pubbliku kellu ċ-ċans li jara xogħol il-pulizija aktar fil-qrib.

Fis-7.45 ta' filgħaxija fil-bus terminus ta' B'Bugia sar l-ewwel Police Silent Drill display li hemm programmati għal matul il-ġimgħa. Pubbliku numeruż ra din il-wirja minn stakkamant ta' Pulizija nisa u rġiel immexxija mill-ispettur C. Curmi. Ma dawn kien hemm ukoll il-Police Judo team, Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija, Kavallerija u r-Rescue Team ta' S.A.G.

**6 ta' Lulju 1993**

F'din il-ġurnata kien imiss lill-għasses tal-Mosta, Sliema, B'Kara u l-Ħamrun li jiftħu għall-pubbliku.

Fis-7.45 p.m. saret it-tieni show mill-pulizija f'Bugibba (Islet Promenade). Bħal ma kien mistenni, pubbliku kbir attenda, fosthom ħafna turisti li inzertaw fuq il-post waqt il-ħin tal-wirja.

**7 ta' Lulju 1993**

Wara B'Bugia, u Bugibba, kien imiss lil tas-Sliema li tilqa lid-diversi skwadri tal-Pulizija li



*Rev. R. Zammit Kappillan tal-Pulizija jbierek il-wirja tal-hobbies.*

juru l-kapaċitajiet tagħhom fid-diversi displays. Għal darb'oħra Għar id-Dud kien maħnuq bin-nies li għal ħafna ħin baqa imsammar ma l-art kwiet u msaħħar bil-preċiżjoni tal-membri tas-Silent Drill team u sħabhom tad-diversi skwadri.

Ta' min isemmi wkoll li f'din il-ġurnata ġiet organiżżata l-isparatura fuq il-plattini mill-isports Committee għall-membri tal-Korp liema rapport jidher f'paġna oħra.



*Uħud mill-membri tal-Korp li attendew għall-preżentazzjoni taċ-ċertifikati u trophies.*

**9 ta' Lulju 1993**

F'dan il-jum kien imiss il-pubbliku ta' M'Scala u l-pubbliku li nzerta hemmhekk biex immur sa Pjazza Dun Tarcis jara l-aħħar wirja tas-Silent Drill Team u l-kumplament tal-Kontinġent li taw wirja oħra fid-diversi postijiet.

**10 ta' Lulju 1993**

Bħal ma hu xieraq kien imiss lill-Gżira ta' Għawdex li bħas-snin ta' qabel jaraw lis-Silent Drill Team, Klieb tal-Pulizija, Rescue Team Żwiemel, u tal-Maturi ġewwa M'Forn. Pubbliku kbir attenda biex darba fis-sena jkun jista jara display ta' preċiżjoni.

**11 ta' Lulju 1993**

Wara l-Quddies li ssir kull nhar ta' Ħadd, f'din il-ġurnata ġew imqassma ċertifikati lill-parteċipanti li ħadu sehem fil-wirja ta' hobbies li ġiet imtella mill-membri tal-Korp, mill-Kummissarju tal-



*I.E.T. Mons. Arċisqof waqt li kien qed jiċċelebra il-quddiesa f'Jum il-Pulizija.*



Pulizija. Ma din il-preżentazzjoni saret ukoll il-preżentazzjoni tal-kompetizzjonijiet li saru hemm dik tal-football kif ukoll dik ta' lis-sparar fuq il-plattini.

Fis-7.45 p.m. ġie organizzat Variety Show imtella mill-Entertainment Committee tal-Pulizija ġewwa l-Barrakka ta' fuq. Preżenti kien hemm il-Ministru Galea u s-Sinjura l-Kummissarju u s-sinjura Grech u membri tal-Korp u Familjari tagħhom. Fost il-parteċipanti li ħadu sehem kien hemm, Moira Stafrace, Mary Spiteri, Enzo Gusman, Alison White Dancers, Vanni Pule Magician, u Philissianne Brincat li taw show verament sabiħ.

**12 ta' Lulju 1993** - JUM IL-PULIZIJA

Il-jum iddedikat lill-Korp beda fid-9.00 a.m. billi ġiet iċċelebrata quddiesa Mons. arċisqof G. Mercieca fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Għal din il-quddiesa kien hemm preżenti E.T. il-President ta' Malta Censu Tabone u s-sinjura Tabone, il-Prim Ministru Eddie Fenech Adami, il-Ministru Louis Galea u s-sinjura Galea, il-Kummissarju tal-Pulizija u s-sinjura Grech, uffiċjali tal-Korp.

Wara l-quddies, għall-ħabta tal-11.15 a.m. saret parata ġewwa il-Belt fejn fil-Pjazza tal-Palazz ġew skajrati żewġ stakkamenti tal-Pulizija u l-Banda ta' A.F.M.

Fost il-personalitajiet distinti kien hemm il-Ministru responsabbli mill-Pulizija, u l-Kummissarju s-sur G. Grech. Is-Salut ingħata lil Prim Ministru kif ukoll lill-President tar-Repubblika li anke spezzjona l-Gwardja ta' l-Unur.

Wara ingħatat esebizzjoni kbira mis-Silent Drill Team li damet sejra madwar 17 il-minuta ta' preċiżjoni kbira. Il-pubbliku preżenti laqgħa din il-wirja b'ċapċip kbir fejn wara iż-żewġ stakkamenti tal-Korp immarċjaw lura lejn il-Head Quarters tal-Pulizija.

Il-Ġimgħa tal-Pulizija ġiet fi tmiema filgħaxija fejn ingħata riċeviment uffiċjali li sar ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija li għalih attendew bosta personalitajiet distinti.

DOMINE DIRIGE NOS.


ICOM Land Mobile
COMMUNICATIONS
RADIO TELEPHONE
HAND HELD
MOBILE RADIO
from encoder
BASE STATION TRANSCEIVER
Consult the experts:-
Medcomms Limited
MARINE ELECTRICAL & ELECTRONIC ENGINEERS
4, MSIDA ROAD, GZIRA -MALTA. TEL:(0356) 335521
TELEX: 331 MEDCOM MW. TELEFAX: (0356) 310820


EURO STORAGE
Multi-purpose adjustable steel shelving system designed to resolve most storage needs, from a single starter bay kit, to purpose-built narrow aisle order picking installations up to 15 metres high.
A complementary range of accessories, from containers and drawer units for small-parts storage, to full and half-height door kits, enables Stormor EURO-Shelving to solve your specific storage problems.
Perforated Clad Frame
Full Height Shelf Divider
Rear Cladding
Upright Cap
Garment Hanging
Spigots
Louvred Panels
Full-Height Door
Lateral Filing
Floor Trim
Half-Height Door
Part-height Shelf Divider
Flat Bin Front
Angled Bin Front
Plastic Containers
Plastic Drawer Units
LINK INDUSTRIAL SERVICES LTD
70, TA'XBIEX SEAFRONT, MSIDA. TEL: 334145, 312772. FAX: 338532

# Malta - the leader in European telecommunications



**Who would have thought it?** Malta, among the smallest of the small as nations go, is the leader in European telecommunications. **It's true!** Thanks to the great assistance of the International Telecommunications Union, and the visionary initiative of Telemalta, Malta now boasts a state-of-the-art, fully digitalized network. Ditto for its (even smaller) sister island of Gozo. And, **this has been achieved four years ahead of schedule.** But what does being the European leader entail? For one thing, Malta has become an inspiring model to other nations, and for another it has finalized a feasibility study to serve as a blueprint for the securing of funds from international institutions.

What of the digital system? Its establishment has so many benefits for business people and casual phone users alike, that it is a virtual god-send! Not surprisingly, the system is fast, reliable, produces top-quality connections (including between fax machines), gives access to international satellite facilities, and provides scope for innovative measures such as Telemalta's "Star Services". Those services include the all-important, multi-party business 'conference call'.

So, as we said earlier: all this in little Malta? Who would have thought? The answer is: not many. But, now, **everyone** can believe it!

telemalta
corporation

TELEMALTA CORPORATION PENDER PLACE ST ANDREWS ROAD ST JULIANS MALTA TEL (356) 343700, 242164 FAX (356) 240761, 242000 TELEX 1357 MW

# FL-INTERESS TIEGHEK...

## Il-Kont tat-Telefon fil-Ġejjieni

Ix-xahar ta' Ottubru żgur li ser jkun wieħed kemm xejn imħawwad għal membri tal-korp. Filwaqt li huwa mistenni li naħsdu xi frott ir-riforma, dan ix-xahar jara l-bidu ta' affarijiet oħra li żgur mhux ser inisslu xi tbissim.

Bl-introduzzjoni tas-sistema l-ġdida tat-telefon, żgur li ser tolqot il-membri kollha fil-laħam il-ħaj. Is-sistema l-ġdida ta' ħlas tat-telefon ser jkun skond f'liema ħin wieħed iċempel, u skond kemm idum fuq il-linja. Sistema magħrufa bħal 'pulses'.

F'ħafna każijiet tagħna mhux skond kemm iddum int tuża t-telefon, iżda kemm ħaddieħor iħallik tistenna fuq il-linja, fl-isfond tal-mużika l-pulses telgħin, imbagħad tħallas.

Ta' min jgħid ukoll li sal-lum il-fizzjali fil-korp għandhom allowance ta' tant pulses b'xejn, kull perjodu ta' tlett xhur u dan għar-raġunijiet ovji. Għalkemm hekk hu xieraq, dan l-ammont ma jirriflettix kemm verament il-fizzjal juża t-telefon għal skopijiet ta' xogħol. In-numru huwa verament żgħir u wasal iż-żmien sabiex dan l-ammont jerġa jiġi rivedut.



*PS 59 David Saliba*

Hawn min jistaqsi, allura l-pulizija l-oħra fl-other ranks, ma għandhomx dan l-allowance?

Sa ftit taż-żmien ilu qabel ma anke l-korp tal-pulizija mmodernizza s-sistema tat-telefon. Konna nċemplu fuq il-freephone number, cioe il-191, u dan ma kienx reġistrat bħala call. Meta fil-passat kienet intalbet, li l-pulizija għandhom jkollhom tant telefonati b'xejn kienu jgħidulna biex inċemplu fuq dan in-numru u b'hekk ma tħallasx. Iżda llum dan mhux possibbli, għax bilfors trid iċċempel fuq wieħed minn numri diretti. Fuq in-numru 191 m'għadux possibli li jqabduk f'postijiet oħra biex titlob id-detail.

Għal dawk il-qarrejja li m'humiex mitħla ta' xi pulizija, aħna rridu nċemplu ta' kuljum praċet sabiex inkunu nafu x'ser naħdmu l-għada. Sal-lum għad m'għandniex sistema ta' roster li nkunu nafu x'ser imissna xogħol, għaldaqstant ta' bilfors jkollna nċemplu fuq il-post fejn inkunu stazzjonati biex jgħidulna id-detail tal-ġurnata tal-għada. Wara l-ħamsa ta' filgħaxija l-linji tat-telefon kemm tal-kwartieri kif ukoll dawk tal-għasses jiġu okkupati minnha l-pulizija sempliċiment għad-detail.

Wieħed ma jistax ma jsemmix ukoll in-nuqqas ta' staff adekwat fil-'Control Room' fejn jirċievu kważi t-telefonati kollha.

Illum għandna sistema moderna li titħaddem minn ftit nies, pero' mhux sew li fil-peak hours filgħodu u filgħaxija kull ma jkun hemm mat-telefon huwa bniedem wieħed waħdu biss, waqt li l-oħrajn jkunu okkupati ma' xogħol ieħor bħal per eżempju ir-radios, jew il-computers.

Inutli li jkollna sistema effiċjenti meta ma jkonniex biżżejjed nies. Dan in-nuqqas jirriżulta f'ħafna dewmien, li ser jiswa kemm lilna u kemm il-poplu n ġenerali l-flus.

Għaldaqstant in-vista tar-rati l-ġodda tat-telefon, li żgur ser iservu ta' piż żejjed fuq il-familji tagħna, nissuġġerrixxi, li filwaqt li l-fizzjali tiżdidilhom din l-allowanċe tat-telefon, din l-allowance tibda tingħata lill-'other ranks ukoll. Żgur li ma hemm ħadd li qed jippretendi li jkollna l-pulses kollha tat-telefon b'xejn, iżda għall-anqas sussidju għal dak l-ammont li jrrid jintuża għas-servizz.

# STARLET

**HERE COMES FUN:**

INTRODUCING THE ALL-NEW STARLET, THE ALL-STAR PERFORMER WITH THE RUNAWAY CHARM.

Here comes excitement! Racing up the hill. Dashing round the corner. Weaving effortlessly through city traffic. It's the smart new Starlet from Toyota. Lively, thrifty multi-valve power. Sleek, curvaceous styling. Chic, contemporary interior design. The trend-setting Starlet makes a fashion statement wherever it goes.



TOYOTA

debono Rohan Arch - Zebbug - Tel: 465806, 465642

# L-ABBUŻ TAD-DROGI, L-INFURZAR TAL-LIĠI W R-RIABILITAZZJONI.

**Joseph Gatt, Ko-ordinatur**

## "Programm ta' Riabilitazzjoni għal min jabbuża mid-Drogi" immexxi mill-Caritas.

Fil-Korp tal-Pulizija minn dejjem kien hemm xi tip ta' Vice Squad li kienet tinvestiga l-aktar reati fejn jidħlu vizzji ta' logħob, ta' l-azzard, prostituzzjoni (white slave traffic) u "absentees" fejn jinvolvi tfal minorenni. Fil-bidu ta' l-1978 inħasset il-ħtieġa li titwaqqaf "Drug Squad".

Jiena kont wieħed mit-tlieta li ffurmajna din l-iskwadra. Ir-raġuni tiegħi persunali għala aċċettajt li nkun membru ta' din l-iskwadra kienet li xtaqt li t-tfal tiegħi, li dak iż-żmien kienu għadhom żgħar, jitrabbew u jikbru f'ambjent nadif mid-droga.

F'dak iż-żmien ftit li xejn konna nisimgħu dwar id-droga u l-unika esperjenza li kelli kienet meta xi ftit żmien qabel, fuq informazzjoni kont sibt xi ħames jew sitt sigriet tal-ħaxixa fuq il-bejt. Fil-fatt, peress li qatt ma kont rajt xitla tal-ħaxixa qabel kont ikkonfermant ruħi ma' l-ispettur tiegħi, li kien għamel crash course organiżżat mid-Drugs Enforcement Agency Amerikana.

Waqt li f'Lulju 1978 flimkien ma' l-Ispettur Leo Borg u ma' l-Ispettur Gaetano Walker (li dak iż-żmien kien għadu dieħel fil-korp tal-pulizija bħala kuntistabbli) konna Ruma nitħarrġu dwar id-droga fl-iscuola Ufficiale Carabinieri, konna ġejna nfurmati minn Malta li kien miet żagħżugħ b'effett ta' doża qawwija ta' eroina.

Kienet l-ewwel traġedja effett tad-droga ġo familja Maltija. Ma kienetx ta' l-aħħar għax ftit wara li ġejna lura minn Ruma konna ġejna mgħajta biex ninvestigaw każ ieħor ta' żagħżugħ li nstab mejjet bid-droga.

F'dak iż-żmien l-eroina kienet aktar mifruxa fost iż-żgħażagħ ta' familji sinjuri minħabba l-prezz tagħha, waqt li fil-Kottonera u Għawdex kienet aktar komuni l-Cannabis (ħaxixa). Marsa, Ħamrun, Belt Valletta u Gżira kienu l-aktar komuni l-pilloli mediċinali fosthom il-Valium u Tiunals (rainbows).

Fost iż-żgħażagħ bdiet tinfirex ċerta kurżita' u bdew jiġu ffurmati klikek baxx baxx f' ħafna lokalitajiet differenti. Iżda għall-ġenituri d-droga kienet biss xi ħaġa tal-films u problema ta' bliet kbar minn Malta.

Il-pubbliku ma kienx konxju li f'Malta beda jikber mostru li kien se jibla' numru ta' żgħażagħ.

B'dan il-ħsieb fl-1983 numru ta' ġenituri li kienu diġa' ġew effetwati u milquta mill-problema tad-droga ingħaqdu u flimkien ma' Mons. Victor Grech u Fr. Charles Cini S.D.B. bdew jiddiskuti x'jista jsir mhux biss għal dawn iż-żgħażagħ li l-familja tagħhom.

Minn kuntatti li diġa kellu Fr. Cini, irnexxielu jibgħat xi żgħażagħ għall-kura fl-Irlanda. Dan ma kienx b'xejn u għalhekk qamet il-kwistjoni x'ser isir minn dawn iż-żgħażagħ li l-familja tagħhom ma setgħetx tħallas.

Il-Caritas taħt it-tmexxija tad-Direttur tagħha Mons. Victor Grech bdiet taħseb mhux biss fil-familji milquta mill-problema iżda wkoll fil-kumplament tas-soċjeta'.

Ħafna kienu dawk li għax ma ħassewx il-problema dieħla ikkritikaw lill-Caritas għax qalu li qed tallarma lill-poplu, iżda min kellu kuntatt mal-familji milquta bilfors kellu jaħsibha mod ieħor.

Fl-1984 il-Caritas ġabet Malta lil Mr. Jim Camberton u lil Mr. Tom McKarry, tnejn mid-diretturi ta' Coolemine Lodge - Ċentru ta' Rijabilitazzjoni għad-Drogati f'Dublin, l-Irlanda.

Mil-laqgħat li kellhom mal-grupp ta' ġenituri milquta bil-problema tad-droga, u ma' xi wħud mid-drogati, qablu li kellu jsir xi ħaġa malajr għax bl-esperjenza tagħhom dawn iż-żewġ esperti indunaw li l-problema kienet daħlet sew fi gżiritna.

Għaldaqstant il-Caritas waqfet għaqda ta' voluntiera u dawn ġew imħarrġa biex jagħtu l-informazzjoni meħtieġa lill-poplu Malti dwar id-drogi u l-effetti tagħhom. Din l-għaqda bl-isem ta' "Prevention and Action Group", bdiet taħdem billi tagħti taħdidiet lill-ġenituri u żgħażagħ fil-parroċċi, skejjel u kull fejn kienet tiġi mistiedna. Użat il-media u ppubblikat numru ta' kotba u fuljetti informattivi dwar id-drogi u l-effetti tagħhom. Introduċiet programm ta' "Life Skills" fl-iskejjel biex tgħin l-istudenti jkopru mad-diffikultajiet tal-ħajja b'mod naturali u mhux minnhom permess ta' drogi.

Il-pulizija kienu minn qabel jiġu mistiedna biex jagħtu taħdidiet lill-pubbliku. Dawn il-laqgħat kienu jservu barra biex tingħata l-informazzjoni iżda wkoll biex tinħoloq relazzjoni tajba bejn l-Iskwadra ta' kontra d-droga u s-soċjeta'.

"Jekk ninforma l-pulizija li ibni qed jieħu d-droga, tista' l-pulizija tgħin mingħajr ma ibni jittella l-qorti?" din kienet mistoqsija komuni minn ġenitur b'qalb miġugħa.

Kont nistħajjilha mistoqsija bħalma kienu jagħmlu l-Fariżej lil Ġesu. Tirrispondi kif tirrispondi dejjem

*cont. on page 19*

Ideal Standard

*Luxury and quality from the world's largest bathroom manufacturers*



**ROGER SATARIANO & SON LTD.**

122, MSIDA VALLEY ROAD, B'KARA.
TEL: 442769, 491017, 448628, 492548. FAX: 497017.

## Taqsima ġdida fi ħdan l-iskwadra ta' kontra il-vizzji

Il-"Victims Support Section" l-isem ta' din l-iskwadra ġiet imwaqqfa nhar it-8 ta' Ġunju 1993. Din is-sezzjoni l-ġdida li tifforma parti mill-"Vice Squad" hija f'data f'idejn l-ispettur Sharon Zammit, mgħejjuna mis-surġent Joseph Cassar PS 521, mis-surġenta Josephine Gauci WPS 24, il-kuntistabliet nisa Connie Cauchi WPC 64, Mary Rose Pulis WPC 72 u M'Grace Bianco WPC 60. Dawn in-nies huma responsabbli li jinvestigaw kull xorta ta' offiżi sesswali, prostituzzjoni, u offiżi ta' vjolenza fid-dar kemm fuq il-kbar kif ukoll fuq it-tfal. Huma marbutin ukoll bid-doveri tagħhom li jfittxu l-'absentees' li jiġu rrappurtati li ġeneralment jittrattaw fuq każi ta' tfajliet li jaħarbu mid-dar.

Normalment dawn it-tip ta' każi hawn fuq imsemmija jiġu l-ewwel irrapportati fl-għasses tad-distretti, u wara jiġu mgħoddija lill-'Victims Support Section' fejn jiġu nvestigati u nterrogati l-'offenders' u jitressaq il-każ il-Qorti. Wieħed ta' min isemmi li tibqa ssir 'follow up' tal-każ il-Qorti. Wieħed ta' min isemmi li tibqa ssir 'follow up' tal-każ, fejn jibqgħu jieħdu ħsieb u jagħtu l-għajnuna lill-vittma sakemm jiġi fi tmiem il-każ. Kif stqarret l-ispettur Sharon Zammit, "Kull vittma li tiġi f'kuntatt magħna għandha ssib bieb miftuħ".



*WPS 21 Josanne Scerri*

F'każi fejn jidħol 'child abuse' jinħadmu flimkien mas-Social workers' għax ġeneralment meta jkun hemm vjolenza fuq mara fid-dar ikun hemm ukoll vjolenza fuq it-tfal.

S'issa l-iskwadra tal-'Victims Support Section' resqet sitt (6) każi l-qorti li huma: tlieta (3) fuq offiżi sesswali, każ wieħed dwar vjolenza fuq mara (stupru), u każ dwar 'Child Abuse'.

Xogħol ieħor li ħa jiżdied lil din l-iskwadra hu li tagħmel 'beach patrols' minn żmien għal żmien minħabba d-deċenza pubblika.

Wara mistoqsija dwar jekk il-'Victim Support Section" għandiex xi diffikultajiet, l-ispettur Zammit qalet li qiegħed jinħass ħafna n-nuqqas ta' Staff minħabba li x-xogħol żdied, pero hemm il-ħsieb li jiżdiedu magħhom kuntistablijiet maskili.

Barra li hemm nuqqas ta' 'personnel' l-iskwadra għandha bżonn ta' aktar vetturi biex tlaħħaq ma żieda fil-Calls.

Il-Bord Editorjali tal-Magazine 'Il-Pulizija' jawgura lill-Victims Support Section fix-xogħol il-ġdid tagħhom kull suċċess għall-futur.

### HOT GARLIC BREAD

Cooking time: 10 mins.
Oven: 220c 425f, gas mark 7.
150g (5oz) butter3 garlic cloves, peeled and crushed
1/4 teaspoon chopped fresh parsley
2 wholemeal or white french loaves

1. Using a fork, mix together the butter, salt, parsley and garlic cloves.
2. Cut the loaves into 5cm (2 inch) thick slices. Spread the garlic butter on both sides and put the slices back together to reshape the loaves. Wrap in foil the bake for 10 mins.

Serve immediately.

This recipe became very popular in Malta these last few years. It is served as an appetizer in many restaurants and now even in pizzerias. Garlic bread is also ideal for barbecues or as a snack.

### SPINACH AND CHEESE LASAGNE

Cooking time: 30 mins (approx.)
Oven: 200c 400f, gas mark 6
175g (6oz) wholewheat lasagne (about 10 sheets)
Salt
Paprika to garnish

**Filling:**
2 x 225g (8oz) packets frozen spinach
Freshly ground black pepper
1/4 teaspoon grated nutmeg
25g (1oz) pecan nuts, shelled and chopped (or pine nuts)

**Sauce:**
40 g (1 1/2 oz) plain flour
40 g (1 1/2 oz) butter
600ml (1 pint) milk
200g (7 oz) mature cheddar cheese grated
Freshed ground black pepper
1/2 teaspoon English mustard

1. Cook the lasagne in boiling salted water for about 15 mins. until tender.
2. Meanwhile cook the spinach. Put the frozen spinach in a pan over gentle heat, breaking the spinach up as it thaws. Simmer for about 2 mins. then increase heat so that any liquid evaporates. Season with salt, pepper and nutmeg and stir in the pecan nuts.
3. While the spinach is cooking make the sauce. Melt the butter, add the flour and cook for 3 mins., stirring. Pour in the milk and bring to the boil stirring all the time until the sauce thickens and then simmer for 3 mins. Add all the cheese except for 35g (1oz) and season with salt, pepper and mustard.
4. To assemble the dish, pour half of the sauce into a shallow dish and lay half the pasta (lasagne) sheets on top. Spoon the spinach over this and cover with remaining pasta sheets. Pour the rest of the sauce over the top and sprinkle with reserved cheese (1oz).
5. Bake near the top of the oven until piping hot and brown on top.
6. Sprinkle with paprika and serve hot.

This unusual Lasagne is ideal for vegetarians as it does not contain any meat. However, it can be served as a first course, especially if the main course is a meat dish.



*L-Ispettur Sharon Zammit*

# PEUGEOT 106

## Now the Superior NEW 106 FIVE-DOOR

**Petrol or Diesel**




**The arrival of the 5-door versions and the availability of models fitted with petrol or diesel engines completes the 106 range, giving a large number of options.**

**PEUGEOT – the Privilege of Excellent Travelling with Peace of Mind ...**

N O W   A V A I L A B L E   F R O M   T H E   L O C A L   A G E N T S :

**MICHAEL ATTARD**
L I M I T E D

National Rd., Blata l-Bajda. Tel: 238854, 221951

tista' taqlagħha. Dak iż-żmien ma kien hemm l-ebda ċentru ta' rijabilitazzjoni fejn żgħażagħ bil-problema setgħu jiġu riferuti għall-għajnuna. B'riżultat tar-relazzjoni tajba li nħolqot, il-pubbliku kien ifittex l-għajnuna fil-pulizija. Għalhekk għall-mistoqsija bħal din wieħed kien irid joqgħod attent kif jirrispondi. Il-pulizija qatt ma setgħet twiegħed li ma tieħux passi. Iżda li tarresta u tfittex biex tinvestiga fuq l-informazzjoni huwa dover tal-pulizija. Xi wħud minn dawn iż-żgħażagħ kienu tant jiddejqu minn din l-attitudni tal-pulizija li kienu jiddeċiedu li joħorġu mill-vizzju li kienu qabdu, b'sodisfazzjon għall-ġenituri, kif ukoll għall-pulizija li rnexxielhom jipprevedu li dawn iż-żgħażagħ ikomplu jinqerdu.

Niftakar każ meta omm ċemplet lill-Vice Squad u mbikkma spjegatilna kif binha kien sar vjolenti minn tifel kwiet u tar-rispett. B'qalbha maqsuma talbitna biex insibu lit-tifel tagħha u nagħmlu li hemm bżonn. Qaltilna aħjar narah il-ħabs jew Mount Carmel Hospital milli fl-istat li qiegħed jew mejjet.

Għalija din kienet l-ewwel esperjenza fejn omm waslet biex tieħu din id-deċiżjoni. Kienet veru mara kuraġġjuża. Kemm ili naħdem mal-Caritas iltqajt ma' ħafna ġenituri u nisa ta' drogati li kellhom jieħdu deċiżjonijiet iebsa bħal din biex jgħinu 'l-qarib tagħhom li kien iddrogat.

Ħaġa li kienet tinkwetani kienet li ċerti żgħażagħ aktar ma tarrestahom u aktar ma ttellagħhom il-qorti aktar jirribellaw u jisfidaw l-awtorita' billi jidħlu aktar fil-vizzju. Kont inħoss li hemm xi ħaġa nieqsa fir-rijabilitazzjoni ta' dawn iż-żgħażagħ. Il-qorti u l-ħabs ma kienux soluzzjoni għar-riforma tagħhom.

Il-bżonn ta' tip ta' għajnuna oħra kienet aktar bdiet tinħass meta bejn l-1980 u l-1981 fil-Ħamrun/Marsa kienu mietu tliet żgħażagħ b'"overdose" ta' pilloli mediċinali.

Meta spiċċajt mill-Vice Squad xorta bqajt ninteressa ruħi fil-problema, speċjalment fir-rijabilitazzjoni. Aktar dħalt f'interess meta fil-Parlament bl-inizjattiva ta' Mons. Victor Grech u Fr. Charles Cini beda jiġi diskuss il-bżonn ta' Ċentru ta' Rijabilitazzjoni għad-Drogati.

Wara li l-"Prevention and Action Group" beda jiffinzjona, il-Caritas għaddiet biex twettaq it-tieni fażi tal-pjan tagħha, jiġifieri li tiftaħ Ċentru għar-Rijabilitazzjoni ta' Żgħażagħ bil-Problema tad-Droga.

F'Ottubru ta' l-1984 intbagħtu l-Irlanda żewġ nisa biex jitħarrġu. Meta jien spiċċajt mill-korp tal-Pulizija f'Diċembru 1984 mal-ewwel applikajt biex nagħmel xogħol volontarju mal-Caritas. Kont nattendi darba fil-ġimgħa għal-laqgħat ta' Fr. Sean Cassons OFM (li kien ġie wkoll mill-Irlanda biex jagħti pariri dwar il-ftuħ taċ-Ċentru f'Malta) kien jagħmel lill-ġenituri u familjari ta' żgħażagħ drogati.

Meta f'April ta' l-1985 dawn iż-żewġ nisa ġew lura mit-taħriġ tagħhom fl-Irlanda bdew ilaqqgħu l-ewwel grupp ta' żgħażagħ bi problema ta' droga fil-Head Office tal-Caritas.

Fil-15 t' Awissu 1985 infetaħ l-ewwel Ċentru ta' Rijabilitazzjoni għad-Drogati f'Malta. Din infetħet fil-Furjana fuq bażi ta' Day Centre. Ftit qabel ma nfetaħ dan iċ-ċentru jiena ġejt offrut xogħol f'dan iċ-ċentru. Ħtaft din l-okkażjoni u f' Settembru 1985 mort l-Irlanda għat-taħriġ tiegħi. Għalkemm kelli ninqata' mill-familja tiegħi għall-tlett xhur, ma stajtx nitlef okkażjoni li naħdem fir-rijabilitazzjoni ta' żgħażagħ li sfortunatament daħlu f'din il-problema.

Fl-aħħar Malta bħal pajjiżi oħra kellha dar biex tgħin lil dawn iż-żgħażagħ.

Għal ħafna nies xogħol ma' drogati kien ħela ta' ħin u flus għax dawn qatt ma jinbidlu u mhux ta' min jgħinhom - dawn daħlu fil-problema għax riedu huma - għax kesħin.

Iż-żmien tana raġun għax minn dar waħda l-Caritas f'temp ta' tmien snin issa għandha tlieta u numru sabiħ ta' żgħażagħ irnexxielhom jinbiddlu.

Ħaġa sabiħa li nara hija li numru sabiħ ta' żgħażagħ bi problema jiġu referuti lejn iċ-Ċentru tal-Caritas mill-Vice Squad u membri oħra tal-korp tal-pulizija. Nara s-sodisfazzjon tal-membri tal-Vice Squad u oħrajn li waqt li jkunu għaddejjin bil-proċeduri tal-Qorti jaraw il-bidla fiż-żgħażagħ. Min-naħa l-oħra ż-żgħażagħ li jiġu referuti mill-Vice Squad japprezzaw il-mod li jkunu mxew magħhom il-pulizija li forsi qabel ma kienux iħarsu lejhom b'mod posittiv.



Apprezzament: Dak inhar li semmejt lis-Sur Leo Borg waqt li kont qed nikteb dan l-artiklu, it-tifel tiegħi tagħni l-aħbar li kien sar il-funeral tas-Sur Leo. Inħsadt, tnikkit u ddispjaċini li ma mortx il-funeral biex intih l-aħħar tislima.

Tlifna fizzjal eżemplari, onest, ġentlom, u fuq kollox ħabib.

Leo, niftakar dejjem fik fit-talb tiegħi.

GATT

# GATT BROTHERS (MOSTA) LIMITED

GENERAL BUILDING CONTRACTORS

**FORT ROAD, MOSTA, MALTA**

Telephone 441132-440111

Cables: Limestone

# GĦAQDA TAL-PULIZIJA PENSJONANTI

## Kelmtejn mill-President

Nilqagħkom għal din il-ħarġa tal-magazin "Il-Pulizija" u f'isem sħabi tal-Kunsill tal-Għaqda nagħtikhom merħba.

Sabiex l-Għaqda tissejjaħ "Għaqda" hemm bżonn li l-membri tagħha jiltaqgħu ma' xulxin u jekk mhux ta' spiss almenu kull tant żmien. Iżda, bħal ma jaf kulħadd, inklużi l-membri tal-Korp, li għad ma għandniex fejn nistgħu niltaqgħu. Qed nirreferi għal 'Club' bħal ma ġa kien hemm qabel. Dan l-aħħar il-Kunsill kiteb lill-Kummissarju dwar ir-riżoluzzjoni li għadda dwar lok fil-Belt Valletta, li jekk jirnexxi, għandu jkun ta' kenn għalina l-pensjonanti meta nidħlu sal-Belt. Forsi mhux adekwat biżejjed għal skopijiet ta' laqgħat kbar iżda fih kmamar biżejjed biex isiru ċertu funzjonijiet. Aħna nħallu f'idejn it-tmexxija tal-Korp sabiex fl-aħħar il-Korp ikollu fejn jirrikreja ruħu. Inżid ingħid li m'ilux jiena u s-Segretarju/Teżorier tagħna, Chev. Vincent P. Zahra, konna mistiedna mill-Kummissarju, is-sur George Grech, bied nifformaw parti mill-kumitat sabiex nagħtu l-idejat tagħna dwar kif għandha tiġi ċċelebrata il-Police Week is-sena d-dieħla, preċiżament meta l-Korp jagħlaq il-180 sena mit-twaqqif tiegħu. Iżda aħna ssuġġerejna li waħda minn dawk il-ġranet, aktarx tkun il-ġurnata tas-Sibt, għandha tissejjaħ "Police Pensioners' Day". Fil-fatt din it-talba ġiet milqugħa u ser isiru ħafna attivitajiet tagħna l-pensjonanti dak in-nhar. L-aħħar suġġeriment kien tiegħi biex jibqa' mfakkar dan l-anniversarju għandu jinfetaħ il-Police Club matul dik il-ġimgħa. J'Alla dan jirnexxi.

Insellmilkom.

Anthony J. Saliba
President

### KUNSILL NAZZJONALI TA' L-ANZJANI

a. L-Għaqda ġiet mistiedna biex tinnomina membru bħala "L-ANZJAN TAS-SENA". Dan sar wara li l-membri tal-Kunsill, f'laqgħa li saret fil-11 ta' Awissu, iddeċidew li jinnominaw lis-Segretarju Teżorier, Chev. Vincent P. Zahra. Minn hawn nixtiequlu kull suċċess.

b. L-Għaqda għada kemm qablet ma' abbozz ta' PAKKETT TA' BENEFIĊĊJI/KONĊESSJONIJIET li l-Kunsill Nazzjonali ta' l-Anzjani ħejja biex jiġi diskuss waqt il-Laqgħa Ġenerali. L-Għaqda tagħna żieded xi suġġerimenti ma' dawk li ġa kienu hemm.

c. L-Għaqda ġiet mistiedna mill-Kumitat Organizzattiv (Segretarju s-sur Charlo' Bonnici), tas-Segretarjat Parlamentari għal Kura ta' l-Anzjani, biex tieħu sehem fl-ewwel Fiera Speċjalizzata għall-Anzjan bl-isem ta' ANZJAN ATTIV '93. Din il-fiera ser issir fit-Trade Fair Grounds ġewwa n-Naxxar bejn it-8 u l-10 ta' Ottubru 1993. Sabiex l-"istand" tagħna jkun hemm sorvelljanza kontinwa qed jintalbu voluntiera biex jattendu matul il-ħinijiet tal-Fiera li huma:

Il-Ġimgħa 8 t' Ottubru mill-4 p.m. sad-9.30 p.m.

Is-Sibt 9 t' Ottubru mid-9 a.m. sas-1 p.m.

Il-Ħadd 10 t' Ottubru mit-3 p.m. sad-9.30 p.m.

Dawk li jixtiequ jieħdu sehem iċemplu lis-sur V. Zahra 822499.



### L-INTERVISTA EX PC 350 JOSEPH BOWERMAN

Din l-intervista saret ftit passi l-bogħod mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana, jiġifieri,

fejn joqgħod ex. P.C. 350 Joseph Bowerman. Bowerman twieled fit-23 ta' Frar 1906, huwa armel, u kellu tmint itfal. Ta' 19-il sena ingaġġa bħala suldat fejn dam seba' snin sħaħ. Fl-1933 daħal fil-Pulizija bħala Riservista fejn dam sakemm għaddiet l-elezzjoni Ġenerali biex imbagħad kellu jagħmel 14-il xahar bla xogħol.

**Kif daħal fil-Korp tal-Pulizija?**

Wara insistenza ma l-Uffiċċju tal-Lieutenant Governor, Sir Harry Luke, irnexxielu jikseb appoġġ minnu permezz tal-Kurunell Micallef Eynaud, l-A.D.C. tal-Gvernatur, biex jidħol fil-Pulizija. Dan il-Pass ħadu għax la l-Ministru tal-Ġustizzja ta' dak iż-żmien u l'anqas il-Kummissarju stess ma tawh widen għax-xewqa tiegħu. Iżda kellu jkun is-sur Salvu Galea stess, il-Kummissarju tal-Pulizija, li wara ħamest ijiem biss li kien kellmu Sir Harry Luke, bagħat għalih u tah il-ġurament. Bowerman qalilna li billi kien rah 'smart' riedu jagħmel għassa fil-bieb prinċipali tad-Depot tal-Pulizija fejn dam madwar sena sakemm ġiet milqugħa t-tieni talba tiegħu biex jingħaqad mat-Traffic Department. Bowerman ħass li ried jagħti sehem akbar u b'hekk qabad karriera fit-Traffic Department li damet sejra madwar sitta u għoxrin sena.

**Jintalab biex jieħu l-kariga ta' Surġent**

Mistoqsi x'jiftakar bil-bidu ta' din il-karriera, Bowerman qal li dak iż-żmien il-liċenzja tas-sewqan kienet għadha bla ritratt ta' l-individwu. Dan kien iwassal għal abbużi billi nies bla liċenzja kienu jsuqu xi vettura u meta jiġu mwaqqfa mill-Pulizija, kienu juru xi liċenzja minn ta' sħabhom. Tikkalkula li kien jirraporta xi sitt każi simili kuljum - akkuża lil min saq bla liċenzja u oħra lil dak li jkun ippermettielu jsuq bla liċenzja. Wara tlett snin servizz il-Kummissarju bagħat għalih biex jagħmlu Surġent iżda Bowerman irrifjuta din il-kariga għax ħass li ma kienx kapaċi biżżejjed. Hawn wieħed irid jieħu bis-serjeta l-onesta ta' Bowerman meta dak iż-żmien wieħed ried ikollu mill-anqas tnax-il sena servizz biex jieħu l-pensijiet ta' Surġent. U dan barra li tkun ilek għal xi snin Acting Sergeant (bla ħlas!) Iżda xorta waħda Bowerman ġie ppremjat għax xi ftit wara din l-offerta deher quddiem il-Kummissarju biex sar Kuntistabbli tas-sekonda. Maż-żmien kien sar tal-Prima.

**Ma ħax 'Transfer' wieħed f'sitta u għoxrin sena!**

Bowerman kien bniedem ta' inizjattiva. Bħal per eżempju meta fettillu jimla x-Xagħra tal-Furjana bil-karozzi tal-linja għall-ewwel darba meta sab ruħu kostrett. Dan għamlu mingħajr ordni ta' ħadd u tant irnexxiet din il-manuvra li l-imsemmi post baqa' jintuża bħal fiż-żmien il-jiem tal-Karnival u festi nazzjonali. Inizjattiva oħra kienet li mid-diżordni li kien ikun hemm fil-Blata l-Bajda biex jirkbu dawk in-nies kollha, dan qatta ġimgħa sħiħa jġib l-ordni billi ġiegħel lin-nies jiffurmaw kju. L-istess għamel f'Bormla Gate, fuq San Pawl, biex in-nies tad-Dockyard, u kien hemm fuq l-20,000 dak iż-żmien, setgħu jirkbu bla ġlied u bla dewmien.

**Id-dixxiplina fit-Traffic Department**

Bowerman jiftakar sew li x-xufiera tal-buses kienu riedu jilbsu l-berritta bil-badge fuqha, ġakketta maqfula u ngravata, il-cover tas-seats riedu jkunu f'posthom u ndaf bħal kumplament tal-bus. Inċident li kellu ma' xufier tal-linja jwassal biex dan jerfa' jdejh (anzi b'ħadida f'idu) fuq Bowerman meta ried jirraportah għall-kontravenzjoni tat-traffiku. Meta deher il-Qorti x-xufier weħel lira biss għax il-Maġistrat ħass li Bowerman kien mar minn fuq waqt l-arrest tax-xufier li assolutament ma kienx ried jobdi l-ordni tiegħu.

## Meta spiċċa mill-Pulizija

Meta spiċċa mill-Pulizija Bowerman għamel żmien jaħdem bħala Manager ma' diversi kumpaniji tat-trasport fosthom dik tal-Private Buses, Cottonera u Zabbar Route Bus Companies, minn fejn huwa refa' mix-xogħol għal kollox. Bowerman, li għad għandu ibnu John fil-Korp, minn dejjem kien bniedem ta' prinċipju. Fil-fatt jiftakar, bir-raġun kollu, li matul dawk is-snin kollha, l-awtoritajiet tal-Pulizija dejjem urew fiduċja sħiħa fih. Spiċċa biex qalilna li f'seba u għoxrin senza ta' servizz qatt ma ħadem lejl wieħed biss. Nikkonkludi biex ngħid li jekk Joseph Bowerman ma ħadimx bil-lejl jiena żgur minni nnifsi meta ngħid li l-ħidma tiegħu ta' matul il-jum kienet ta' mija fil-mija u xejn anqas.

Minn dawn il-kolonni l-Għaqda tixtieqlek għomor twil.

Sakemm wasalna biex nipubblikaw din l-Intervista, ex PC 350 J. Bowerman kien ħalla din id-dinja kif ġie ppublikat fil-ħarġa ta' Lulju/ Awissu Vol 8, No. 5 paġna 23.

# OBITWARJU



*L-ex-Spettur L.Borg*



*Joseph Vella ex PS. 636*



*L-ex-Spettur A. Curmi*



*L-ex. PS. 281 Joseph Mary Buttigieg*



*Ex. PS. 566 John Spiteri*



*Ex. PS. 1 Sam Mallia*

# SOCIETY FOR THE REFORM OF CRIMINAL LAW

